MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 122/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**
**Vs**

**Frankie Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul il-perjodu ta' bejn it-30 ta' Jannar, 2001 u t-2 ta' Frar, 2001, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi w li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:**

**1) nhar it-30 ta' Jannar, 2001, ikkommetta serq ta' oggetti w cioe' kartiera b'xi dokumenti w flus fosthom**

**karta tal-identita’ w licenzja tas-sewqan, liema serq sar ghad-detriment ta’ persuna li l-identita’ taghha mhux maghrufa, kif ukoll ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta;**

**2) kif ukoll talli nhar it-2 ta’ Frar, 2001, waqt li kien San Giljan, f’xi hin bejn it-8.00 ta’ bil-lejl u l-11.30 ta’ bil-lejl, ikkommetta serq ta’ oggetti w cioe’ “stereo” tal-karozzi, minn vettura pparkjata, liema serq li sar ghad-detriment ta’ James Grech minn Tas-Sliema huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, bin-natura tal-haga misruqa, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;**

**3) u aktar talli f’dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta’ bejn it-30 ta’ Jannar 2001 u t-2 ta’ Frar, 2001, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;**

**4) kif ukoll talli nhar it-2 ta’ Frar, 2001, ghall-habta tal-11.00 ta’ bil-lejl, waqt li kien San Giljan, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri hamsin lira Maltija izda mhux il-hames mitt liri Maltin, u saret ghad-detriment ta’ James Grech minn Tas-Sliema;**

**5) u fl-ahharnett talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Mejju, 2004, li biha wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279(a), 280, 281, 325(a), 289, 49, 50, 17(h), 20, 23, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni w r-raba akkuza w ikkundannatu

ghal piena karcerarja ta’ sentejn u ma sabitux hati tal-hames akkuza minn liema akkuza lliberatu, w astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza stante li din giet moghtija b’mod alternattiv ghall-ewwel u t-tieni akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Gunju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha illi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tieni w r-raba akkuza w tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn gie lliberat mill-hames akkuza w li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza, tirriforma s-sentenza f’dik il-parti fejn ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sentejn billi tirriforma l-piena w minflok piena ta’ habs l-esponenti jinghata almenu sentenza sospiza jew piena anqas iebsa li ma jimmeritax il-habs u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant li jirrigwardaw biss il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fil-qosor huma s-segwenti :- 1. li l-fatt li l-appellant ammetta mill-ewwel kellhu jinghata certa portata mill-Ewwel Qorti peress li hu wera certu rimors u stqarr mall-Pulizija mall-ewwel dak li ghamel ; 2. li l-ammont tad-danni ma kienx wiehed konsiderevoli w l-vittma ma ghamilx accenn li jippretendi danni minghand l-appellant ; 3. li l-Ewwel Qorti stess iddikjarat li l-appellant sofra ingustizzja meta gie akkuzat ta’ ricettazzjoni ghal xejn u b ’ hekk twalu bla bzonn il-proceduri w 4. ghalhekk dan kien imissu gie rifless fil-piena; 5. li l-Ewwel Qorti ghamlet emfasi esagerata fuq il-fedina penali tal-appellant imma hu mhux xi “hardened criminal” ghax ammetta mill-ewwel u ghalhekk imissu inghata sentenza ta’ prigunerija sospiza.**

**Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni w d-difiza;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dan hu appell limitat ghall-piena. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)**

**Dwar l-aggravju li hu ghandu jibbenefika minn piena inqas harxa ghax irregistra ammissjoni jigi osservat fl-ewwel lok illi meta gie mressaq quddiem il-Qorti l-Ewwel darba fil-21 ta' Gunju, 2001, l-appellant kien ammetta l-ewwel , it-tieni u r-raba imputazzjoni . Ma kienx ammetta l-akkuza ta' ricettazzjoni u l-addebitu tar-recidiva .**

**Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.**

**Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**", [17.7.2002]. Illi jidher li l-Ewwel Qorti kkonsidrat dan il-fattur fis-sentenza appellata izda gustament hasset xorta wahda li , in vista tal-kondotta arci refrattarja tal-appellant, tapplika l-piena karcerarja**

Illi l-aggravju li d-danni ma kienux esagerati u li l-vittma ma accennatx li tippretendi li tigi kompensata hu fil-fehma tal-Qorti frivolu u jirrazenta l-fieragh ghax dan il-procediment ma jiddependix mill-fatt jekk il-vittma tridx tesigi kumpens jew le .

Illi l-aggravju li ghax l-Ewwel Qorti ghamlet kumment "obiter" fis-sentenza appellata li l-appellant sofra ingustizzja ghax il-process ittawwal ghal xejn mill-Prosekuzzjoni meta hu kien gja ammetta z-zewg akkuzi ta' serq u l-akkuza ta' danni volontarji , allura kellu jsegwi li ma kellux jinghata piena karcerarja ma jreggix . Apparti li jidher li l-Qorti ghamlet dan il-kumment biss "obiter" u li b'ebda mod ma jiddilwixxi l-htija tal-appellant ghar-reati serji minnu ammessi , bil-fatt li semmiet dan il-fattur jidher li l-Ewwel Qorti qiesitu meta giet biex tistabilixxi l-piena , kif ghamlet .

Illi l-aggravju li l-appellant mhux xi "hardened criminal" ghax ammetta mill-ewwel ma jreggix ghax kif jirrizulta ben tajjeb mill-fedina penali tieghu hu kien kiser difrejh mall-ligi diversi drabi u sahansitra kien gie sentenzjat disgha darbiet sat-12 ta' Dicembru, 2002 (Fols. 81 sa 95 tal-process). Fost dawn il-kundanni kien hemm dawk ghal reati kontinwati ta' serq aggravat, pussess ta' droga eroina , danni volontarji f' numru kbir ta' karozzi u serq mill-istess, sekwestru ta' persuna w reati ohra .

Umbaghad mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li anki sahansitra fil-mori ta' din il-kawza l-appellant baqa' ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu w addirittura gie ukoll dwar dawn ir-reati sussegwentement kommessi minnu sentenzjat hames darbiet ghall-pussess ta' droga eroina, serq aggravat, danni volontarji, ricettazzjoni tentattiv ta' serq, ksur tal-liberazzjoni kondizzjonata, serq minn karozzi u recidiva. Oltre dan hu intbaghat ukoll il-habs fil-mori ta' din il-kawza ghal reat ta' tentattiv ta' serq kommess qabel il-kommissjoni tar-reati odjerni.

Altru milli kellha ragun l-Ewwel Qorti li taghmel emfasi fuq il-fedina penali tal-appellant meta giet biex tapplika l-piena;

**Illi ukoll ma jreggix l-argument tal-appellant li l-Ewwel Qorti jmissha applikat l-artikolu 28A tal-Kap.9, ghax fil-fehma ta' din il-Qorti bhal l-Ewwel Qorti , l-appellant inghata opportunitajiet bizzejjed biex jirriforma ruhu**

**w, minkejja li kien gie liberat diversi drabi b' kundizzjoni u anki kien inghata sentenzi ta' habs sospizi, tpogga ukoll taht probation kif ukoll gie sentenzjat ghall-prigunerija darbtejn, xorta baqa' ghaddej bil-karriera tieghu kriminali bla waqfien ta' xejn. Is-sentenza sospiza ghandha tigi applikata b' dixxerniment kbir u ma ghandix isservi biex isserrah il-kuxjenza tal-gudikant u fl-istess hin takkomoda lill-hati f' kazijiet fejn hu ovvju li ma tistax tkun ta' gid ghall-hati ghax ikun wera bic-car li ma jridx jirriforma w li kontinwament qed jghaddi z-zmien bil-Qrati li ripetutament - u hafna drabi aktar milli hu mehtieg - jibqghu jittantaw li jevitawlu l-habs. Il-fattur tal-protezzjoni tas-socjeta' minn reati bhal dawk abitwalment kommessi mill-appellant irid ukoll jinghata l-importanza tieghu mill-gudikant . Ghalhekk sewwa ghamlet l-Ewwel Qorti li ma applikatx is-sentenza sospiza f' dan il-kaz.**

**Illi meta umbaghad wiehed iqis li l-piena ghar-reat ta' serq aggravat bil-valur ta' aktar minn LM100 izda inqas minn LM1000, bil-mezz , bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa skond it-tieni imputazzjoini ammessa mill-appellant hija dik ta' prigunerija minn seba xhur sa erba snin u ma tinghatax fil-minimum taghha skond l-artikolu 278 (3) tal-Kap.9 , u meta tqis li l-Ewwel Qorti riedet ukoll tikkonsidra l-konkors tal-pieni ghar-reati l-ohra ammessi mill-appellant , hu ovvju li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet sew entro l-parametri tal-ligi u altru milli eccessiva fic-cirkostanzi.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------